MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 108

20 ta' Marzu 2019

Minuti tas-seduta Nru. 108 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa, 20 ta' Marzu 2019 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsillieri J. Attard u A. Brincat Stellini rreferew għall-minuta 5.5.3. **(Ref: L/3/Vol III)** u talbu li din tinqara kif ġej:

*"5.5.3. Il-Kunsillier J. Attard u E. Bartolo qalu li huma ma jaqblux illi l-użu tal-latrini jkun bil-ħlas għall-anzjani fil-każ ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, filwaqt li l-Kunsilliera A. Brincat Stellini kkummentat li għandhom ikunu b'xejn ukoll meta jkun hemm attivitajiet popolari organizzati mill-Kunsill.".*

1.3. Il-minuti tas-seduta Nru. 107 tat-22 ta' Frar 2019, ġew approvati u ffirmati bl-emenda t'hawn fuq. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. PA 5909/17 – Żvilupp ta' sit konfinanti minn Triq Ħalq iċ-Ċawl, Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, Triq in-Nases, u Triq il-Fortizza (P/5/8/Z)

2.1.2. Is-Sindku aċċenna għall-applikazzjoni msemmija hawn fuq u qal li fit-28 ta' Frar 2019 din ġiet trattata fil-pubbliku u approvata b'vot ta' disgħa favur u erba' kontra. Waħda mill-membri ma kinitx preżenti. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-vot tiegħu kien kontra, skont il-fehma espressa mill-Kunsill fis-seduta preċedenti. Kompla jgħid li din id-deċiżjoni ttieħdet minkejja li l-*policy* tal-Pjan Lokali NWUS3 tippermetti *".... new hotel beds as extensions to existing operating hotels..."* , filwaqt li l-*Policy* FL-GNRL–1 fil-*Partial Review of Subsidiary Plans* approvat f'Jannar 2013 tikklassifika l-Mellieħa bħala żona turistika u allura l-inklużjoni ta' lukanda fl-iżvilupp propost tqies bħala aċċettabbli. Is-Sindku qal ukoll li l-*Partial Review* jgħid ukoll illi *"...proposed development would not create an environment which goes diametrically against the thrust of the local plan policy*.". F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa jara li hemm lok ta' kontestazzjoni fil-mod li ġew interpretati l-*policies* li msemmija.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien tal-fehma li għandu jkompli jiddiskutiħ fid-dawl tal-konsultazzjonijiet li jeħtieġ isiru u l-iskadenzi li japplikaw.

### 2.2.1. Proġett pilota dwar l-latrini pubbliċi (L/3/Vol III)

2.2.1. Is-Sindku rrefera għall-minuti 5.5.3. u 5.5.4. tas-seduta ta' qabel u għarraf li huwa tkellem mal-uffiċjal fil-*Foundation for Tourism Zone Management* li qed jikkordina l-proġett u għarrfu bix-xewqa tal-Kunsill li l-latrina pubblika f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II tkun mingħajr ħlas għall-anzjani, kif ukoll waqt attivitajiet popolari li jiġu organizzati fil-madwar.

2.2.2. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.3.1. Servizz ta' Trasport għall-Anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol VII)

2.3.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 1.2. tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa tkellem mal-kuntrattur li jipprovidi s-servizz imsemmi sabiex jara jekk huwiex possibbli li jipprovdi *minibus* bil-bieba li tinfetaħ mix-xufier. Irriżulta li attwalment dan m'għandux, iżda qed fil-proċess li jixtri żewġ vetturi mgħammra b'bieba li tista' tiġi attivata mix-xufier.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. Xifer perikoluż f'Tal-Prajjet (T/3/2/Vol XV)

2.4.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 1.3. tas-seduta ta' qabel staqsa dwar jekk twaħħlux it-tabelli ta' twissija qrib ix-xifer.

2.4.3. Is-Segretarju wieġeb li m'għandux informazzjoni li dawn twaħħlu.

2.4.4. Is-Sindku qal li l-Bord tal-Park tal-Majjistral ser jieħu ħsieb iwaħħalhom, peress li l-post jinsab fil-konfini tal-Park.

### 2.5.1. *European Maritime Day* (T/4/6/Vol V)

2.5.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 5.6.1. tas-seduta ta' qabel u staqsa dwar jekk sarx kuntatt ma' EcoMarine Malta dwar tindif li huma jixtiequ jagħmlu f'qiegħ-il baħar fil-Bajja tal-Għadira fis-26 ta' Mejju 2019.

2.5.3. Kien hemm qbil li korrispondenza fuq din il-materja tiġi mgħoddija lill-Kunsillier J. Azzopardi.

'

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Tiswijiet fi Triq Għajn Żejtuna (D/3/1/Vol V)

3.1.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi staqsa x'inhi r-raġuni għaliex Triq Għajn Żejtuna għadha ma ssewwietx fil-parti tal-*S-Bend.*

3.1.3. Is-Sindku wieġeb li din ma saritx peress li l-kuntrattur konċernat huwa kommess fuq xogħlijiet oħra fdati lilu minn Infrastructure Malta.

### 3.1. Tqegħid ta' Karti

- Minuti – Laqgħa ma' E-Cubed Ltd dwar il-Parkeġġ taħt l-estensjoni tal-Iskola Primarja – 25/02/19;
- *Purchase Request Form* – 18/03/19;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 10/01/19 – 15/03/19;
- Skeda ta' Pagamenti – 16/02/19 – 19/03/19;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 4.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 4.1.1. PC 0044/18 - Bdil fl-iskema tal-bini fi triq ġdida fiż-żona Ta' Masrija (P/5/1/Vol IV)

4.1.2. Saret referenza għall-applikazzjoni msemmija hawn fuq, li tinvolvi tibdil fil-*policy* dwar Ta' Masrija, approvata permezz ta' PC 0046/13. L-applikant qed jitlob sabiex jiġu spusstjati wesgħat privati bejn blokka u oħra bil-għan li jippermettu diżinn u tqassim aħjar tal-bini fil-qtajja' Nru. 15, 16, 23, 24, 25, 26, 27, 28. Essenzjalment qed jintalab li fejn l-iskema tipprova li jsiru żewġ blokki bi spażju bejniethom, issir minflok blokka waħda u jispiċċa l-ispazju kollu.

4.1.3. Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li din l-applikazzjoni diġa ġiet ikkunsidrata fis-Seduta Nru. 998 tad-9 ta' Lulju 2018, meta kien ġie deċiż li m'għandhomx jinħolqu preċedenti, fis-sens li l-iskema kif approvata permezz ta' PC 0046/13 għandha tibqa' tiġi osservata, primarjament sabiex ma tiżdiedx aktar id-densità tal-bini.

4.1.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jtenni l-pożizzjoni tiegħu espressa permezz tar-rappreżentazzjoni tiegħu datata 25 ta' Ġunju 2018.

### 4.2.1. *Tower Crane* fi Triq is-Sagħtar (A/6/3/1 Vol 127)

4.2.2. Saret referenza dwar talba sabiex jitrama *tower crane* fit-triq imsemmija bejn Wesgħat in-Narċis u Triq is-Salini l-Qodma. Qed jiġi propost li dan jitqiegħed fuq in-naħa opposta tas-sit li ser jiġi żviluppat.

4.2.3. Il-Kunsill approva t-talba.

### 4.3.1. Taraġ bejn Triq is-Sagħtar u Triq l-Għerien (T/4/7/Vol III)

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 16 ta' Marżu 2019, fejn ġie osservat illi passaġġ pubbliku proġettat illi jsir bejn it-toroq imsemmija, ghalkemm huwa ndikat fil-pjanti tal-Awtorità tal-Ippjanar, għadu mhuwiex reġistrat mar-Reġistru tal-Art. Huwa qal li sabiex dan jiġi registrat mil-Uffiċċju Konġunt ukoll, il-Kurja trid tippreżenta lill-Uffiċċju Konġunt id-dokumenti meħtiega. Kemm-il darba ssir talba formali mil-Kunsill lill-Uffiċċju Konġunt għar-reġistrazzjoni ta' dan il-passaġġ, din tkun ta' ghajnuna biex jibdew il-proċeduri għar-reġistrazzjoni tiegħu. F'każ ta' żvilupp tal-proprjetà biswit it-taraġ, jew fil-kaz li abbużivament wieħed jokkupa dan il-passaġġ, jew parti minnu. Huwa għaldaqstant talab sabiex titressaq talba mill-Kunsill mal-Uffiċċju Konġunt sabiex jirreġistra l-art in kwistjoni mar-Reġistru tal-Art.

'

4.3.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**4.4.1. Inġombru fi Trejqet il-Kamp ta' Għajn Tuffieħa (T/3/2/Vol XV)**

**4.4.1.** Saret referenza għal ittra datata 10 ta' Marzu 2019, fejn residenta lmentat li t-trejqa msemmija spiss qed tkun inġumbrata b'vetturi pparkjati meta l-wisa' tagħha huwa ta' 4.3 metri biss. Għaldaqstant, intalab li jsiru tabelli jew sinjali li jipprojbixxu l-ipparkar fit-trejqa in kwistjoni, kif ukoll li jsiru *parking bays* fit-toroq tal-qrib.

**4.4.2.** Il-Kunsill approva t-talba u qabel li għandha ssir talba lill-Transport Malta sabiex jiġi pprojbit l-ipparkjar fit-trejqa in kwistjoni.

**4.5.1. Konkors ta proża għall-anzjani (K/7)**

4.5.2. Inqara imejl datat 14 ta' Marzu 2019 mibgħut mis-Segretarjat Parlamentari għal Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva, fejn intqal li ġie mniedi konkos ta' proża bil-Malti għall-anzjani li l-iskop tiegħu huwa li titħeġġeġ l-anzjanità attiva anke permezz tal-kitba tal-proża.

4.5.3. Il-Kunsill laqa' l-istedina billi jiġu kkuntattjati persuni li jagħtu sehemhom f'dan il-qasam.

**4.6.1. *Open Day* – Koperattiva Rurali tal-Manikata (S/6/Vol VI)**

4.6.2. Saret referenza għal imejl datat 5 ta' Marzu 2019, fejn l-Koperattiva msemmija talbet lill-Kunsill sabiex jipprovdi żewġ *mobile toilets* waqt l-*open day* li ser issir fis-7 ta' April 2019.

4.6.3. Il-Kunsill approva t-talba.

**4.7.1. *Speed Humps* fi Triq il-Birwina u Triq il-Qortin (T/3/2/Vol XV)**

4.7.2. Saret referenza għal petizzjoni ffirmata minn seba' firmatarji sabiex isiru *speed humps* fit-toroq imsemmija.

4.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir rakkommandazzjoni sabiex issir *speed hump* waħda fil-bidu ta' Triq il-Birwina.

**4.8.1. Proġett dwar il-pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni (P/4/29)**

4.8.2. Is-Sindku aċċenna għall-fatt li l-kuntratt dwar dawn ix-xogħlijiet ilu diversi xhur li ngħata, kif ukoll saret pressjoni fuq il-kuntrattur konċernat diversi drabi biex jinbeda x-xogħol, iżda dan baqa' lura milli jagħmel dan. Wara pressjoni li kompliet issir fuqu permezz ta' laqgħa li saret miegħu fis-6 ta' Ġunju 2018, il-kuntrattur iddikjara bil-kitba li kien ser jibda x-xogħol fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru 2018, kif ukoll li il-proġett ikun lest sa tmien ġimgħat wara. Il-kuntrattur stqarr ukoll li l-materjal meħtieġ jinsab Malta u qiegħed jinżamm f'Ħal Far. Fid-dawl ta' dan, is-Sur J. Buttigieg ippropona li l-kuntratt relattiv għandu jiġi rtirat u ssir sejħa għall-offerti sabiex il-proġett ikun jista' jitwettaq xorta waħda.

4.8.3. Is-Segretarju għarraf li l-garanzija bankarja marbuta mal-kuntratt relattiv skadiet fis-17 ta' Ottubru 2018 u baqgħet ma ġietx imġedda mill-kuntrattur.

4.8.4. Il-Kunsill qabel li għandha ssir spezzjoni tal-materjal u d-dokumentazzjoni relattiva qabel tittieħed aktar azzjoni.

**4.9.1. *Musical* - Naħal tal-Imħabba (A/5/3/8)**

4.9.2. Il-Kunsill ġie mfakkar f'arranġament li kien sar mal-awtur tal-*musical* imsemmi dwar il-pubblikazzjoni tal-istorja li fuqha ġie msawwar l-istess *musical*. Id-dettalji tiegħu ġew stabiliti mal-awtur u huma kif ġej:

- Numru approssimattiv ta' Paġni – 110
- Qoxra ta' barra – Karta 300 gsm bil-kulur u laminata minn naħa waħda;
- Karta għall-paġni ta' ġewwa – 90 gsm;

'

- Daqs tal-Paġni – 210 mm X 140 mm jew 210 mm X 145 mm);
- Kwantità - 500

4.9.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jintalbu stimi.

**5.1.1. Tibdil staġjonali fin-numru ta' *Bring-In Sites* (K/6/11)**

5.1.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li fit-13 ta' Marzu 2019, huwa flimkien mas-Sur Daniel Tabone minn GreenPak Co-Op żaru l-*bring-in sites* kollha tal-lokalità u rriżulta li kien hemm ħamsa inqas milli hemm indikat fl-abbozz tal-ftehim il-ġdid. Fir-rigward taż-żoni fejn hemm il-*boathouses*, jidher li fix-xhur tax-xitwa hemm kapaċità żejda li tista' tiġi regolata skont l-istaġun meta jitqiegħdu l-I-Bins. GreenPak huma tal-opinjoni wkoll li n-numru ta' domes tal-karta u l-ħġieġ għandhom jiżdiedu minħabba d-domanda li ġiet osservata. Huwa qal li dawn jistgħu jiġu aġġustati kif ġej:

| **Post** | **Nru. attwali ta' settijiet** | **Nru. ta' settijiet proposti għax-xhur tax-xitwa** |
|---|---|---|
| Ramla tat Torri l-Abjad | 2 | 2 |
| Armier iż-Żgħir | 2 | 1 |
| Armier (Pjazza) | 2 | 1 |
| Ramlet Qortin | 2 | 0 |
| Xatt ta' Santa Marija | 1 | 0 |
| Triq l-Arżnell | 1 | 1 |

5.1.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li bil-kwantità ta' residenti li jkun hemm fix-xhur tas-sajf, ċertament li ser issir pressjoni biex ikun hemm żewġ settijiet f'Ramlet il-Qortin u ieħor fix-Xatt ta' Santa Marija.

5.1.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa minn GreenPak, iżda l-pożizzjoni għandha tiġi riveduta lejn l-aħħar ta' Mejju.

5.1.5. Il-Kunsillier J. Azzopardi għarraf li GreenPak ser tieħu l-inizjattiva biex tqassam l-iskedi tal-ġbir bil-lingwa Taljana u b'dik Serba. Is-Sindku kkummenta li dan isir kemm-il darba l-Kunsill jipprovdilu t-traduzzjoni.

5.2.1. **Rikostruzzjoni ta' Triq il-Marfa** **(T/5/3)(T/4/7/Vol III)**

5.2.2. Is-Sur J.Buttigieg irrefera għall-kuntatti li kien hemm bejn il-Kunsill, Infrastructure Malta, Transport Malta, u Malta Public Transport, liema kuntatti kienu nvoluti flimkien miegħu, il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Mil-laqgħat li kien hemm sar magħruf li Infrastructure Malta se tkun qed twettaq xogħol infrastrutturali fi Triq il-Marfa, minn Triq Adenau (Maritim Hotel) sar-*roundabout* ta' Dawret il-Mellieħa (Seabank Hotel). Huwa ppjanat li x-xogħol jibda fil-25 ta' Marzu 2019.

5.2.3. Ġie spjegat li minħabba dawn ix-xogħlijiet, Triq il-Marfa se tkun magħluqa għat-traffiku mill-1 ta' April 'il quddiem u għaldaqstant il-Kunsill intalab jipprovdi servizz ta' *minibus shuttle* minn Triq Adenau sar-*roundabout* ta' Selmun u lura. Ir-residenti fiż-żona tal-Għadira għandhom jagħmlu użu mill-*bus stops* li hemm qrib is-Seabank Hotel. Huwa mportanti li min ikun sejjer fid-direzzjoni tal-Għadira, Ta' Gerbulin, u ċ-Ċirkewwa jagħmel użu minn Triq Lewis Wettinger u Dawret il-Mellieħa. Is-servizz tal-karozzi tal-linja ser ikun qed jgħaddi minn dawn it-toroq ukoll, iżda hekk kif jasal mar-*roundabout* Ta' Pennellu, ser jidħol fi Triq Qasam Barrani u jdur lura mar-*roundabout* tad-Dar tal-Anzjani. Aktar 'il quddiem jingħataw dettalji dwar arranġamenti tat-traffiku oħra skont kif jitolbu x-xogħlijiet.

'

5.2.4. Minħabba li ma ngħatax żmien biżżejjed biex issir sejħa għall-offerti dwar is-servizz *shuttle*, intalbu stimi mingħand disa' operaturi differenti sabiex jiġi pprovdut servizz mill-5.00am sal-10.00pm. Is-sejħa saret fl-14 ta' Marzu u tagħlaq fil-21 ta' Marzu 2019.

5.2.5. Il-Kunsill approva l-azzjoni li ttieħdet u qabel li għandha ssir talba lill-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali sabiex tiġi addottata l-proċedura tad-*direct order*, minħabba l-urġenza tas-servizz li huwa ntiż sabiex titnaqqas l-inkonvenjenza għal min jagħmel użu mis-servizz tal-karozzi tal-linja. Kien hemm qbil li l-ispiża għandu jagħmel tajjeb għaliha mill-vot 7502 tal-Estimi 2019, intiż għall-asfaltar mill-ġdid ta' toroq u bankini ġodda.

5.2.6. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, ipproponiet li titqassam notifika lir-residenti kollha tal-Mellieħa dwar l-arranġamenti li ser ikun hemm fis-seħħ.

5.2.7. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni li l-arbli bid-dwal tat-toroq, illi hemm fuq il-bankina ta' Triq il-Marfa qed jirrenduha inaċċessibbli għall-persuni li jużaw is-siġġu tar-roti. Huwa qal li jkun tajjeb jekk dawn jiġu trasferiti għan-naħa l-oħra tat-triq, fejn mhemmx bankina. Is-Sindku wieġeb li dan il-fattur ġie kkunsidrat minn Infrastructure Malta, però il-wisa' tat-triq ma jippermettix li titwessa l-bankina, filwaqt li n-naħa l-oħra ser jitkabbar il-*culvert* għall-ilma tax-xita.

5.2.8. Il-Viċi Sindku ppropona sabiex jitwaħħlu notifiki fil-*bus shelters* bl-arranġamenti li ser isiru.

**5.3.1. Sejħa għall-offerti għall-provvista u nstallazzjoni ta' dwal ornamentali fi Triq it-Tramuntana, Triq San Pawl u fit-taraġ ta'Triq il-Madonna tal-Għar (E/1/3/Vol IV)**

5.3.2. Is-Segretarju għarraf li s-Sejħa għall-Offerti MLC 2/2019 li għalqet fit-18 ta' Marzu 2019 u kien hemm żewġ offerti kif jidher hawn taħt:

| **Offerent** | **Prezz (VAT eskluża)** |
|---|---|
| Brighter Solutions Ltd | €17,996.64 |
| Mica Med Ltd | €30,480.00 |

5.3.3. Is-Segretarju għarraf li s-sottomissjonijiet li saru ġew mgħoddija lill-*Contract Managers* għar-rapport tekniku tagħhom.

5.3.4. Il-Kunsill ħatar lis-Sindku J. Buttigieg u l-Kunsillieri E. Bartolo u A. Brincat Stellini bħala evalwaturi.

**5.4.1. Taħditiet dwar il-prevenzjoni tas-suwiċidju (E/3/1/Vol III)**

5.4.2. Il-Kunsillier J. Attard rrefera għal imejl datat 21 ta' Frar 2019 fejn Crisis Resolution Malta offrew li jagħtu taħdita dwar is-suġġett t'hawn fuq. Huwa qal li pprova jikkuntattja li min qed jikkordina din l-inizjattiva, iżda ma rnexxielux.

5.4.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**5.5.1. *Via Sagra* għat-tfal (A/6/3/2/Vol 80)**

5.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fil-25 ta' Frar 2019 hija kellha laqgħa mal-Kap tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa fejn hija ġiet mgħarrfa bl-intenzjoni li ssir l-attività msemmija fi Triq Qasam Barrani.

5.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li minħabba t-traffiku jkun aktar għaqli jekk l-attività ssir fi Ġnien il-Qigħan.

**5.6.1. Ambaxxaturi tal-Qari u Jum il-Ktieb** **(A/5/3/Vol XII)**

5.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fil-laqgħa illi hija kellha mal-Kap tal-Iskola Primarja fil-25 ta' Frar 2019 tkellmet ukoll dwar l-Ambaxxaturi tal-Qari li fl-opinjoni tagħha, faċilment jistgħu jiġu abbinati mal-attività ta' Jum il-Ktieb li ser isir fid-29 ta' April 2019.

5.6.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**5.7.1. Attività ambjentali** **(A/5/3/Vol XII)**

5.7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li fil-laqgħa li kellha mal-Kap tal-Iskola fil-25 ta' Frar 2019 kien hemm diskussjoni dwar attività b'tema ambjentali bl-involviment tat-tfal fl-4 ta' Mejju 2019

5.7.3. Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva.

**5.8.1. Proġett mit-tfal tal-Iskola Primarja dwar il-komunità Melleħija** **(A/5/3/Vol XII)**

5.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li hija ġiet avviċinata minn għalliema tal-arti fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa dwar tpinġijiet li għamlu t-tfal tat-Tieni Sena bit-tema "Il-Mellieħa – Komunità Waħda, Qalb Waħda". L-inizjattiva hija maħsuba sabiex tintegra tfal ġejjin minn gruppi etniċi differenti residenti fil-Mellieħa. Hija pproponiet li t-tpinġija tat-tfal tiġi stampata fuq *card* sabiex titqassam f'Jum il-Ktieb fid-29 ta' April 2019.

5.8.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**5.9.1. Proġett tal-arti f'postijiet pubbliċi** **(M/6)**

5.9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 24 ta' Frar 2019 mibgħut minn tliet *visual artists* li huma nteressati jagħmlu tpinġija f'post pubbliku li tkun tinvolvi l-komunità. Huma pproponew li dan isir f'post rurali sabiex jinkoraġġixxu n-nies iżuru l-post. Għaldaqstant talbu lill-Kunsill jindikalhom postijiet addattati għal dan il-għan. Hija qalet li ġew issuġġeriti l-istallazzjoni li kienu tan-NATO fl-inħawi fid-Daħar u l-Fortizza ta' Campbell.

5.9.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm jinġiebu l-permessi kollha mingħand l-awtoritajiet kompetenti.

**5.10.1. *Resilient Communities Project*** **(C/3/2/Vol II)**

5.10.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 19 ta' Marzu 2019 mibgħut mill-CORE Platform fejn qed jipproponu li jiġi ntrodott servizz ta' trasport għall-komunità. Għal dan il-għan qed jitolbu laqgħa mal-Kunsill sabiex tiġi diskussa din il-proposta.

5.10.3. Is-Sinjura Brincat Stellini għarrfet ukoll li l-CORE Platform qed jaħdmu wkoll fuq l-inizjattiva tal-Mellieħa Eco Tours.

5.10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.11.1. Bejgħ ta' prodotti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent** **(A/6/3/2/Vol 80)**

5.11.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 11 ta' Marzu 2019 mibgħut The ECO Malta Team li ta' kull xahar ikunu f'postijiet differenti madwar Malta u Għawdex, b'numru ta' bejjiegħa bi prodotti differenti. Dawn jinkludi ikel organiku frisk, ikel naturali u *snacks*, moda etika, ġugarelli u affarijiet tad-dar, prodotti għall-kura personali naturali u mhux tossiċi. Jippromwovu wkoll l-arti u snajja, teknoloġiji innovattivi, fost oħrajn. Dawn talbu lill-Kunsill jindika post fejn jistgħu jtellgħu din it-tip ta' attività.

5.11.3. Il-Kunsill kien tal-fehma l-aktar postijiet idejali huma Għajn Tuffieħa u f'Selmun. Fil-każ tal-ewwel ma jkunx meħtieġ li jinħareġ il-permess tal-Kunsill, kemm-il darba l-post ikun fl-area allokata lill-Malta Scout Association.

**5.12.1. Ħarġiet kulturali** **(A/5/5/Vol VII)**

5.12.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf li għall-ħarġa li saret fil-21 ta' Frar 2019, lejn l-Imdina attendew 38 persuna. Huwa ppropona li ssir oħra fis-16 ta' April 2019 lejn il-Mosta, fejn ser ikun hemm wirja tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira fix-xelter tat-Tieni Gwerra Dinjija biswit il-Knisja Parrokkjali.

5.12.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppreponiet li ssir ħarġa oħra lejn Villa Bologna, f'Ħat-Attard fis-16 ta' Mejju 2019 li tkun abbinata ma' Jum l-Omm.

5.12.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

**5.13.1. Proġett – *KNOTS - Knowledge, Not Scepticism*** **(P/10/1/Vol IV)**

5.13.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-konferenza li seħħet f'Ivancna Gorica (Slovenja), bejn l-14 u t-18 ta' Marzu 2019 u li attenda għaliha wkoll il-Kunsillier H. Fenech. Huwa kompla jgħid li ppareċipaw fiha għaxar minn sittax 'il imsieħba fil-proġett. It-tema tal-konferenza kienet l-emigranti u l-imigrazzjoni. Huwa qal li ġiet diskussa l-possibiltà li l-konferenza li jmiss issir fil-Mellieħa f'data li ma tkunx qrib l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali.

5.13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.14.1. Għarfien ta' l-awtiżmu** **(K/11)**

5.14.2. Il-Kunsillier J. Attard aċċenna għall-kampanja li qed tagħmel l-Inspire biex ikun hemm aktar għarfien tal-kundizzjoni msemmija hawn fuq. Ix-xahar ta' April 2019 ġie proprju dedikat għal dan il-għan. Huwa ppropona wkoll li tinxtegħel l-faċċata tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill bil-kulur ikħal, li ġie addottat għal din il-kampanja, kif ukoll li l-impjegati tal-Kunsill jilbsu r-*ribbon* li saret apposta sabiex il-Kunsill ikun ta' kontribut sabiex issir manutenzjoni fuq il-faċilità tat-*Therapeutic Horseback Riding (THR)* li l-Inspire għandhom f'Marsascala.

5.14.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.15.1. Manutenzjoni tat-tagħmir fl-*open air gym* tal-Park tal-Familja** **(P/4/6/Vol V)**

5.15.2. Il-Kunsillier J. Attard ġibed l-attenzjoni għat-tagħmir imsemmi u talab li ssir spezzjoni tiegħu bil-għan li jiġi stabbilit it-tip ta' manutenzjoni li jeħtieġ.

5.15.3. Is-Segretarju ħa nota sabiex issir l-ispezzjoni mitluba.

5.15.4. Il-Viċi Sindku D. Vella qal li saritlu proposta sabiex il-Kunsill jintroduċi *calisthenics gym equipment* fil-Park tal-Familja, li wieħed jista' jixxabbat miegħu.

5.15.5. Ittieħdet nota tal-proposta.

**5.16.1. *Book Box* fi Ġnien tas-Salib** **(L/4/Vol II)**

5.16.2. Il-Viċi Sindku D. Vella ppropona li tiġi ntrodotta *book box* fil-ġnien imsemmi.

5.16.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta.

**6.1. Restawr ta' ħitan tas-sejjieħ permezz tal-Miżuri 4.4 u 4 taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali; (P/10/27)(P/10/15)( P/10/5)**

6.2. Saret referenza għas-sejħa għall-offerti MLC 1/2019 li tinvolvi restawr ta' ħajt ta' sejjieħ li jinsab fit-Telgħa ta' Selmun, kantuniera mat-triq il-qadima ta' Selmun. Is-Segretarju għarraf li din is-sejħa għalqet fl-14 ta' Marzu 2019, iżda ma kien hemm ebda offerta. Huwa ppropona li terġa ssir sejħa oħra sabiex ma jintilfux il-fondi.

6.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

6.4. Is-Segretarju għarraf ukoll li nħarġet sejħa oħra għal finanzjament taħt il-Miżura 4.4 u għaldaqstant ser issir laqgħa fil-5 ta' April 2019 ma' uffiċjali mill-MEUSAC bil-għan li tiġi sottomessa talba għall-finanzjament ta' parti oħra mill-ħitan tas-sejjieħ fit-Telgħa ta' Selmun, ossija dik il-parti bejn il-triq l-qadima ta' Selmun, l'isfel mill-pompa tad-drenaġġ sal-*S-bend.*

6.5. Il-Kunsill approva din il-proposta wkoll.

6.6. Saret referenza wkoll għall-imejl datat 12 ta' Marzu 2019 mibgħut mill-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral, fejn il-Kunsill ġie mistieden għat-tnedija tal-Miżura 4 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) li ser ikun orjentat lejn *Green Infrastructure*. Is-seminar ser isir fil-21 ta' Marzu 2019.

6.7. Il-Kunsill innota l-appuntament.

**7.1. Restawr tal-Batterija ta Westreme u titjib fil-Mużew tat-Tunnara (P/10/30)**

7.2. Is-Segretarju għarraf li mill-evalwazzjoni tat-tieni sejħa għall-offerti li tinvolvi r-restawr tal-batterija minn barra (MLC 11/2018), irriżulta li kien hemm tnejn minnhom li kienu konformi mar-rekwiżiti kollha stabbiliti mid-dokumenti tal-offerta, pero' it-tnejn kienu ferm 'il fuq mill-baġit ta' €225,000 allokat mill-*Planning and Priorities Co-ordination Division (PPCD).* Irriżulta li dan kien ġej mill-fatt li l-istima sottomessa mal-formola tal-applikazzjoni għall-fondi kellha inqas xogħlijiet inklużi fiha meta mqabbla mal-*bill of quantities* li fuqu ġew sottomessi l-offerti. Is-Sur C. Debono kompla jispjega li l-*PPCD* ma humiex lesti li japprovaw ebda tnaqqis mill-*items* inklużi fil-*BOQ* sabiex il-valur tax-xogħol li fil-fatt isir ikun eqreb lejn l-estimi. Irriżulta wkoll li l-*BOQ* kien jinkludi xogħlijiet u tagħmir li fil-fatt ma humiex koperti fil-permess maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar.

7.3. Is-Sindku qal li f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa propost li ssir sejħa ġdid taħt *BOQ* rivedut.

7.4. Il-Kunsill approva l-proposta.

**8.1. Servizz dwar ġbir ta' skart domestiku (K/6/2/Vol V)**

8.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 7.1. tas-seduta preċedenti u stqarr illi l-kuntrattur responsabbli mhux obbligat bil-kuntratt li jagħmel ġabriet ta' skart differenti fl-istess ħin tal-borża s-sewda u dik bajda, nhar ta' Tnejn. Spjega li meta l-kuntrattur ġie mitlub sabiex jirrendi ż-żewġ servizzi fl-istess ħin, dan qal li mhux f'pożizzjoni li jagħmel hekk, peress li meta tefgħa l-offerta tiegħu kien ippjana li juża r-riżorsi tiegħu b'tali mod li joħroġ bil-prezz li huwa kkwota. Kemm-il darba l-Kunsill jibqa' jinsisti fuq it-talba tiegħu, huwa ser jidħol f'aktar spejjeż biex isib ir-riżorsi meħtieġa li jippermettulu jiffunzjona f'inqas ħin. Ir-rata addizzjonali li qed jitlob il-kuntrattur hija ta' €60, kull darba mingħajr il-VAT u l-*contract management fee,*.

8.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li l-borża l-bajda qed iddum ħafna ma' tinġabar, filwaqt li qed isir tġeddis ta' skart f'diversi postijiet. Kompla jgħid li din is-sitwazzjoni ser tiggrava matul ix-xhur tas-sajf.

8.4. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti, il-Kunsill approva varjazzjoni fil-kuntatt b'effett mill-1 ta' April 2019, liema varjazzjoni tinvolvi nefqa annwali ta' €60 x 52 ġimgħa = €3,681.60 (bil-VAT inkluża).

'

**9.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

9.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 18 ta' Marzu 2019.

9.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

9.5. Tressqet Skeda ta' Pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* bejn l-10 ta' Jannar u l-15 ta' Marzu 2019.

9.6. Tressqet ukoll b'mod separat skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-27 ta' Jannar u l-15 ta' Marzu 2019.

9.7. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fl-iskedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fid-9.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 8 ta' April fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 108

20 ta' Marzu 2019

Minuti tas-seduta Nru. 108 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa, 20 ta' Marzu 2019 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsillieri J. Attard u A. Brincat Stellini rreferew għall-minuta 5.5.3. **(Ref: L/3/Vol III)** u talbu li din tinqara kif ġej:

*"5.5.3. Il-Kunsillier J. Attard u E. Bartolo qalu li huma ma jaqblux illi l-użu tal-latrini jkun bil-ħlas għall-anzjani fil-każ ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, filwaqt li l-Kunsilliera A. Brincat Stellini kkummentat li għandhom ikunu b'xejn ukoll meta jkun hemm attivitajiet popolari organizzati mill-Kunsill.".*

1.3. Il-minuti tas-seduta Nru. 107 tat-22 ta' Frar 2019, ġew approvati u ffirmati bl-emenda t'hawn fuq. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. PA 5909/17 – Żvilupp ta' sit konfinanti minn Triq Ħalq iċ-Ċawl, Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, Triq in-Nases, u Triq il-Fortizza (P/5/8/Z)

2.1.2. Is-Sindku aċċenna għall-applikazzjoni msemmija hawn fuq u qal li fit-28 ta' Frar 2019 din ġiet trattata fil-pubbliku u approvata b'vot ta' disgħa favur u erba' kontra. Waħda mill-membri ma kinitx preżenti. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-vot tiegħu kien kontra, skont il-fehma espressa mill-Kunsill fis-seduta preċedenti. Kompla jgħid li din id-deċiżjoni ttieħdet minkejja li l-*policy* tal-Pjan Lokali NWUS3 tippermetti *".... new hotel beds as extensions to existing operating hotels..."* , filwaqt li l-*Policy* FL-GNRL–1 fil-*Partial Review of Subsidiary Plans* approvat f'Jannar 2013 tikklassifika l-Mellieħa bħala żona turistika u allura l-inklużjoni ta' lukanda fl-iżvilupp propost tqies bħala aċċettabbli. Is-Sindku qal ukoll li l-*Partial Review* jgħid ukoll illi *"...proposed development would not create an environment which goes diametrically against the thrust of the local plan policy*.". F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa jara li hemm lok ta' kontestazzjoni fil-mod li ġew interpretati l-*policies* li msemmija.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien tal-fehma li għandu jkompli jiddiskutiħ fid-dawl tal-konsultazzjonijiet li jeħtieġ isiru u l-iskadenzi li japplikaw.

### 2.2.1. Proġett pilota dwar l-latrini pubbliċi (L/3/Vol III)

2.2.1. Is-Sindku rrefera għall-minuti 5.5.3. u 5.5.4. tas-seduta ta' qabel u għarraf li huwa tkellem mal-uffiċjal fil-*Foundation for Tourism Zone Management* li qed jikkordina l-proġett u għarrfu bix-xewqa tal-Kunsill li l-latrina pubblika f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II tkun mingħajr ħlas għall-anzjani, kif ukoll waqt attivitajiet popolari li jiġu organizzati fil-madwar.

2.2.2. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.3.1. Servizz ta' Trasport għall-Anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol VII)

2.3.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 1.2. tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa tkellem mal-kuntrattur li jipprovidi s-servizz imsemmi sabiex jara jekk huwiex possibbli li jipprovdi *minibus* bil-bieba li tinfetaħ mix-xufier. Irriżulta li attwalment dan m'għandux, iżda qed fil-proċess li jixtri żewġ vetturi mgħammra b'bieba li tista' tiġi attivata mix-xufier.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. Xifer perikoluż f'Tal-Prajjet (T/3/2/Vol XV)

2.4.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 1.3. tas-seduta ta' qabel staqsa dwar jekk twaħħlux it-tabelli ta' twissija qrib ix-xifer.

2.4.3. Is-Segretarju wieġeb li m'għandux informazzjoni li dawn twaħħlu.

2.4.4. Is-Sindku qal li l-Bord tal-Park tal-Majjistral ser jieħu ħsieb iwaħħalhom, peress li l-post jinsab fil-konfini tal-Park.

### 2.5.1. *European Maritime Day* (T/4/6/Vol V)

2.5.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 5.6.1. tas-seduta ta' qabel u staqsa dwar jekk sarx kuntatt ma' EcoMarine Malta dwar tindif li huma jixtiequ jagħmlu f'qiegħ-il baħar fil-Bajja tal-Għadira fis-26 ta' Mejju 2019.

2.5.3. Kien hemm qbil li korrispondenza fuq din il-materja tiġi mgħoddija lill-Kunsillier J. Azzopardi.

'

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Tiswijiet fi Triq Għajn Żejtuna (D/3/1/Vol V)

3.1.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi staqsa x'inhi r-raġuni għaliex Triq Għajn Żejtuna għadha ma ssewwietx fil-parti tal-*S-Bend*.

3.1.3. Is-Sindku wieġeb li din ma saritx peress li l-kuntrattur konċernat huwa kommess fuq xogħlijiet oħra fdati lilu minn Infrastructure Malta.

### 3.1. Tqegħid ta' Karti

- Minuti – Laqgħa ma' E-Cubed Ltd dwar il-Parkeġġ taħt l-estensjoni tal-Iskola Primarja – 25/02/19;
- *Purchase Request Form* – 18/03/19;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 10/01/19 – 15/03/19;
- Skeda ta' Pagamenti – 16/02/19 – 19/03/19;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 4.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 4.1.1. PC 0044/18 - Bdil fl-iskema tal-bini fi triq ġdida fiż-żona Ta' Masrija (P/5/1/Vol IV)

4.1.2. Saret referenza għall-applikazzjoni msemmija hawn fuq, li tinvolvi tibdil fil-*policy* dwar Ta' Masrija, approvata permezz ta' PC 0046/13. L-applikant qed jitlob sabiex jiġu spusstjati wesgħat privati bejn blokka u oħra bil-għan li jippermettu diżinn u tqassim aħjar tal-bini fil-qtajja' Nru. 15, 16, 23, 24, 25, 26, 27, 28. Essenzjalment qed jintalab li fejn l-iskema tipprova li jsiru żewġ blokki bi spażju bejniethom, issir minflok blokka waħda u jispiċċa l-ispazju kollu.

4.1.3. Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li din l-applikazzjoni diġa ġiet ikkunsidrata fis-Seduta Nru. 998 tad-9 ta' Lulju 2018, meta kien ġie deċiż li m'għandhomx jinħolqu preċedenti, fis-sens li l-iskema kif approvata permezz ta' PC 0046/13 għandha tibqa' tiġi osservata, primarjament sabiex ma tiżdiedx aktar id-densità tal-bini.

4.1.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jtenni l-pożizzjoni tiegħu espressa permezz tar-rappreżentazzjoni tiegħu datata 25 ta' Ġunju 2018.

### 4.2.1. *Tower Crane* fi Triq is-Sagħtar (A/6/3/1 Vol 127)

4.2.2. Saret referenza dwar talba sabiex jitrama *tower crane* fit-triq imsemmija bejn Wesgħat in-Narċis u Triq is-Salini l-Qodma. Qed jiġi propost li dan jitqiegħed fuq in-naħa opposta tas-sit li ser jiġi żviluppat.

4.2.3. Il-Kunsill approva t-talba.

### 4.3.1. Taraġ bejn Triq is-Sagħtar u Triq l-Għerien (T/4/7/Vol III)

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 16 ta' Marżu 2019, fejn ġie osservat illi passaġġ pubbliku proġettat illi jsir bejn it-toroq imsemmija, ghalkemm huwa ndikat fil-pjanti tal-Awtorità tal-Ippjanar, għadu mhuwiex reġistrat mar-Reġistru tal-Art. Huwa qal li sabiex dan jiġi registrat mil-Uffiċċju Konġunt ukoll, il-Kurja trid tippreżenta lill-Uffiċċju Konġunt id-dokumenti meħtiega. Kemm-il darba ssir talba formali mil-Kunsill lill-Uffiċċju Konġunt għar-reġistrazzjoni ta' dan il-passaġġ, din tkun ta' ghajnuna biex jibdew il-proċeduri għar-reġistrazzjoni tiegħu. F'każ ta' żvilupp tal-proprjetà biswit it-taraġ, jew fil-kaz li abbużivament wieħed jokkupa dan il-passaġġ, jew parti minnu. Huwa għaldaqstant talab sabiex titressaq talba mill-Kunsill mal-Uffiċċju Konġunt sabiex jirreġistra l-art in kwistjoni mar-Reġistru tal-Art.

4.3.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**4.4.1. Inġombru fi Trejqet il-Kamp ta' Għajn Tuffieħa (T/3/2/Vol XV)**

**4.4.1.** Saret referenza għal ittra datata 10 ta' Marzu 2019, fejn residenta lmentat li t-trejqa msemmija spiss qed tkun inġumbrata b'vetturi pparkjati meta l-wisa' tagħha huwa ta' 4.3 metri biss. Għaldaqstant, intalab li jsiru tabelli jew sinjali li jipprojbixxu l-ipparkar fit-trejqa in kwistjoni, kif ukoll li jsiru *parking bays* fit-toroq tal-qrib.

**4.4.2.** Il-Kunsill approva t-talba u qabel li għandha ssir talba lill-Transport Malta sabiex jiġi pprojbit l-ipparkjar fit-trejqa in kwistjoni.

**4.5.1. Konkors ta proża għall-anzjani (K/7)**

4.5.2. Inqara imejl datat 14 ta' Marzu 2019 mibgħut mis-Segretarjat Parlamentari għal Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva, fejn intqal li ġie mniedi konkos ta' proża bil-Malti għall-anzjani li l-iskop tiegħu huwa li titħeġġeġ l-anzjanità attiva anke permezz tal-kitba tal-proża.

4.5.3. Il-Kunsill laqa' l-istedina billi jiġu kkuntattjati persuni li jagħtu sehemhom f'dan il-qasam.

**4.6.1. *Open Day* – Koperattiva Rurali tal-Manikata (S/6/Vol VI)**

4.6.2. Saret referenza għal imejl datat 5 ta' Marzu 2019, fejn l-Koperattiva msemmija talbet lill-Kunsill sabiex jipprovdi żewġ *mobile toilets* waqt l-*open day* li ser issir fis-7 ta' April 2019.

4.6.3. Il-Kunsill approva t-talba.

**4.7.1. *Speed Humps* fi Triq il-Birwina u Triq il-Qortin (T/3/2/Vol XV)**

4.7.2. Saret referenza għal petizzjoni ffirmata minn seba' firmatarji sabiex isiru *speed humps* fit-toroq imsemmija.

4.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir rakkommandazzjoni sabiex issir *speed hump* waħda fil-bidu ta' Triq il-Birwina.

**4.8.1. Proġett dwar il-pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni (P/4/29)**

4.8.2. Is-Sindku aċċenna għall-fatt li l-kuntratt dwar dawn ix-xogħlijiet ilu diversi xhur li ngħata, kif ukoll saret pressjoni fuq il-kuntrattur konċernat diversi drabi biex jinbeda x-xogħol, iżda dan baqa' lura milli jagħmel dan. Wara pressjoni li kompliet issir fuqu permezz ta' laqgħa li saret miegħu fis-6 ta' Ġunju 2018, il-kuntrattur iddikjara bil-kitba li kien ser jibda x-xogħol fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru 2018, kif ukoll li il-proġett ikun lest sa tmien ġimgħat wara. Il-kuntrattur stqarr ukoll li l-materjal meħtieġ jinsab Malta u qiegħed jinżamm f'Ħal Far. Fid-dawl ta' dan, is-Sur J. Buttigieg ippropona li l-kuntratt relattiv għandu jiġi rtirat u ssir sejħa għall-offerti sabiex il-proġett ikun jista' jitwettaq xorta waħda.

4.8.3. Is-Segretarju għarraf li l-garanzija bankarja marbuta mal-kuntratt relattiv skadiet fis-17 ta' Ottubru 2018 u baqgħet ma ġietx imġedda mill-kuntrattur.

4.8.4. Il-Kunsill qabel li għandha ssir spezzjoni tal-materjal u d-dokumentazzjoni relattiva qabel tittieħed aktar azzjoni.

**4.9.1. *Musical* - Naħal tal-Imħabba (A/5/3/8)**

4.9.2. Il-Kunsill ġie mfakkar f'arranġament li kien sar mal-awtur tal-*musical* imsemmi dwar il-pubblikazzjoni tal-istorja li fuqha ġie msawwar l-istess *musical*. Id-dettalji tiegħu ġew stabiliti mal-awtur u huma kif ġej:

- Numru approssimattiv ta' Paġni – 110
- Qoxra ta' barra – Karta 300 gsm bil-kulur u laminata minn naħa waħda;
- Karta għall-paġni ta' ġewwa – 90 gsm;

'

- Daqs tal-Paġni – 210 mm X 140 mm jew 210 mm X 145 mm);
- Kwantità - 500

4.9.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jintalbu stimi.

**5.1.1. Tibdil staġjonali fin-numru ta' *Bring-In Sites*** **(K/6/11)**

5.1.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li fit-13 ta' Marzu 2019, huwa flimkien mas-Sur Daniel Tabone minn GreenPak Co-Op żaru l-*bring-in sites* kollha tal-lokalità u rriżulta li kien hemm ħamsa inqas milli hemm indikat fl-abbozz tal-ftehim il-ġdid. Fir-rigward taż-żoni fejn hemm il-*boathouses*, jidher li fix-xhur tax-xitwa hemm kapaċità żejda li tista' tiġi regolata skont l-istaġun meta jitqiegħdu l-I-Bins. GreenPak huma tal-opinjoni wkoll li n-numru ta' domes tal-karta u l-ħġieġ għandhom jiżdiedu minħabba d-domanda li ġiet osservata. Huwa qal li dawn jistgħu jiġu aġġustati kif ġej:

| Post | Nru. attwali ta' settijiet | Nru. ta' settijiet proposti għax-xhur tax-xitwa |
|---|---|---|
| Ramla tat Torri l-Abjad | 2 | 2 |
| Armier iż-Żgħir | 2 | 1 |
| Armier (Pjazza) | 2 | 1 |
| Ramlet Qortin | 2 | 0 |
| Xatt ta' Santa Marija | 1 | 0 |
| Triq l-Arżnell | 1 | 1 |

5.1.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li bil-kwantità ta' residenti li jkun hemm fix-xhur tas-sajf, ċertament li ser issir pressjoni biex ikun hemm żewġ settijiet f'Ramlet il-Qortin u ieħor fix-Xatt ta' Santa Marija.

5.1.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa minn GreenPak, iżda l-pożizzjoni għandha tiġi riveduta lejn l-aħħar ta' Mejju.

5.1.5. Il-Kunsillier J. Azzopardi għarraf li GreenPak ser tieħu l-inizjattiva biex tqassam l-iskedi tal-ġbir bil-lingwa Taljana u b'dik Serba. Is-Sindku kkummenta li dan isir kemm-il darba l-Kunsill jipprovdilu t-traduzzjoni.

5.2.1. **Rikostruzzjoni ta' Triq il-Marfa** **(T/5/3)(T/4/7/Vol III)**

5.2.2. Is-Sur J.Buttigieg irrefera għall-kuntatti li kien hemm bejn il-Kunsill, Infrastructure Malta, Transport Malta, u Malta Public Transport, liema kuntatti kienu nvoluti flimkien miegħu, il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Mil-laqgħat li kien hemm sar magħruf li Infrastructure Malta se tkun qed twettaq xogħol infrastrutturali fi Triq il-Marfa, minn Triq Adenau (Maritim Hotel) sar-*roundabout* ta' Dawret il-Mellieħa (Seabank Hotel). Huwa ppjanat li x-xogħol jibda fil-25 ta' Marzu 2019.

5.2.3. Ġie spjegat li minħabba dawn ix-xogħlijiet, Triq il-Marfa se tkun magħluqa għat-traffiku mill-1 ta' April 'il quddiem u għaldaqstant il-Kunsill intalab jipprovdi servizz ta' *minibus shuttle* minn Triq Adenau sar-*roundabout* ta' Selmun u lura. Ir-residenti fiż-żona tal-Għadira għandhom jagħmlu użu mill-*bus stops* li hemm qrib is-Seabank Hotel. Huwa mportanti li min ikun sejjer fid-direzzjoni tal-Għadira, Ta' Gerbulin, u ċ-Ċirkewwa jagħmel użu minn Triq Lewis Wettinger u Dawret il-Mellieħa. Is-servizz tal-karozzi tal-linja ser ikun qed jgħaddi minn dawn it-toroq ukoll, iżda hekk kif jasal mar-*roundabout* Ta' Pennellu, ser jidħol fi Triq Qasam Barrani u jdur lura mar-*roundabout* tad-Dar tal-Anzjani. Aktar 'il quddiem jingħataw dettalji dwar arranġamenti tat-traffiku oħra skont kif jitolbu x-xogħlijiet.

'

5.2.4. Minħabba li ma ngħatax żmien biżżejjed biex issir sejħa għall-offerti dwar is-servizz *shuttle*, intalbu stimi mingħand disa' operaturi differenti sabiex jiġi pprovdut servizz mill-5.00am sal-10.00pm. Is-sejħa saret fl-14 ta' Marzu u tagħlaq fil-21 ta' Marzu 2019.

5.2.5. Il-Kunsill approva l-azzjoni li ttieħdet u qabel li għandha ssir talba lill-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali sabiex tiġi addottata l-proċedura tad-*direct order*, minħabba l-urġenza tas-servizz li huwa ntiż sabiex titnaqqas l-inkonvenjenza għal min jagħmel użu mis-servizz tal-karozzi tal-linja. Kien hemm qbil li l-ispiża għandu jagħmel tajjeb għaliha mill-vot 7502 tal-Estimi 2019, intiż għall-asfaltar mill-ġdid ta' toroq u bankini ġodda.

5.2.6. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, ipproponiet li titqassam notifika lir-residenti kollha tal-Mellieħa dwar l-arranġamenti li ser ikun hemm fis-seħħ.

5.2.7. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni li l-arbli bid-dwal tat-toroq, illi hemm fuq il-bankina ta' Triq il-Marfa qed jirrenduha inaċċessibbli għall-persuni li jużaw is-siġġu tar-roti. Huwa qal li jkun tajjeb jekk dawn jiġu trasferiti għan-naħa l-oħra tat-triq, fejn mhemmx bankina. Is-Sindku wieġeb li dan il-fattur ġie kkunsidrat minn Infrastructure Malta, però il-wisa' tat-triq ma jippermettix li titwessa l-bankina, filwaqt li n-naħa l-oħra ser jitkabbar il-*culvert* għall-ilma tax-xita.

5.2.8. Il-Viċi Sindku ppropona sabiex jitwaħħlu notifiki fil-*bus shelters* bl-arranġamenti li ser isiru.

## 5.3.1. Sejħa għall-offerti għall-provvista u nstallazzjoni ta' dwal ornamentali fi Triq it-Tramuntana, Triq San Pawl u fit-taraġ ta'Triq il-Madonna tal-Għar
**(E/1/3/Vol IV)**

5.3.2. Is-Segretarju għarraf li s-Sejħa għall-Offerti MLC 2/2019 li għalqet fit-18 ta' Marzu 2019 u kien hemm żewġ offerti kif jidher hawn taħt:

| **Offerent** | **Prezz (VAT eskluża)** |
|---|---|
| Brighter Solutions Ltd | €17,996.64 |
| Mica Med Ltd | €30,480.00 |

5.3.3. Is-Segretarju għarraf li s-sottomissjonijiet li saru ġew mgħoddija lill-*Contract Managers* għar-rapport tekniku tagħhom.

5.3.4. Il-Kunsill ħatar lis-Sindku J. Buttigieg u l-Kunsillieri E. Bartolo u A. Brincat Stellini bħala evalwaturi.

## 5.4.1. Taħditiet dwar il-prevenzjoni tas-suwiċidju (E/3/1/Vol III)

5.4.2. Il-Kunsillier J. Attard rrefera għal imejl datat 21 ta' Frar 2019 fejn Crisis Resolution Malta offrew li jagħtu taħdita dwar is-suġġett t'hawn fuq. Huwa qal li pprova jikkuntattja li min qed jikkordina din l-inizjattiva, iżda ma rnexxielux.

5.4.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 5.5.1. *Via Sagra* għat-tfal (A/6/3/2/Vol 80)

5.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fil-25 ta' Frar 2019 hija kellha laqgħa mal-Kap tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa fejn hija ġiet mgħarrfa bl-intenzjoni li ssir l-attività msemmija fi Triq Qasam Barrani.

5.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li minħabba t-traffiku jkun aktar għaqli jekk l-attività ssir fi Ġnien il-Qigħan.

### 5.6.1. Ambaxxaturi tal-Qari u Jum il-Ktieb (A/5/3/Vol XII)

5.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fil-laqgħa illi hija kellha mal-Kap tal-Iskola Primarja fil-25 ta' Frar 2019 tkellmet ukoll dwar l-Ambaxxaturi tal-Qari li fl-opinjoni tagħha, faċilment jistgħu jiġu abbinati mal-attività ta' Jum il-Ktieb li ser isir fid-29 ta' April 2019.

5.6.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 5.7.1. Attività ambjentali (A/5/3/Vol XII)

5.7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li fil-laqgħa li kellha mal-Kap tal-Iskola fil-25 ta' Frar 2019 kien hemm diskussjoni dwar attività b'tema ambjentali bl-involviment tat-tfal fl-4 ta' Mejju 2019

5.7.3. Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva.

### 5.8.1. Proġett mit-tfal tal-Iskola Primarja dwar il-komunità Melleħija (A/5/3/Vol XII)

5.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li hija ġiet avviċinata minn għalliema tal-arti fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa dwar tpinġijiet li għamlu t-tfal tat-Tieni Sena bit-tema "Il-Mellieħa – Komunità Waħda, Qalb Waħda". L-inizjattiva hija maħsuba sabiex tintegra tfal ġejjin minn gruppi etniċi differenti residenti fil-Mellieħa. Hija pproponiet li t-tpinġija tat-tfal tiġi stampata fuq *card* sabiex titqassam f'Jum il-Ktieb fid-29 ta' April 2019.

5.8.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 5.9.1. Proġett tal-arti f'postijiet pubbliċi (M/6)

5.9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 24 ta' Frar 2019 mibgħut minn tliet *visual artists* li huma nteressati jagħmlu tpinġija f'post pubbliku li tkun tinvolvi l-komunità. Huma pproponew li dan isir f'post rurali sabiex jinkoraġġixxu n-nies iżuru l-post. Għaldaqstant talbu lill-Kunsill jindikalhom postijiet addattati għal dan il-għan. Hija qalet li ġew issuġġeriti l-istallazzjoni li kienu tan-NATO fl-inħawi fid-Daħar u l-Fortizza ta' Campbell.

5.9.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm jinġiebu l-permessi kollha mingħand l-awtoritajiet kompetenti.

### 5.10.1. *Resilient Communities Project* (C/3/2/Vol II)

5.10.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 19 ta' Marzu 2019 mibgħut mill-CORE Platform fejn qed jipproponu li jiġi ntrodott servizz ta' trasport għall-komunità. Għal dan il-għan qed jitolbu laqgħa mal-Kunsill sabiex tiġi diskussa din il-proposta.

5.10.3. Is-Sinjura Brincat Stellini għarrfet ukoll li l-CORE Platform qed jaħdmu wkoll fuq l-inizjattiva tal-Mellieħa Eco Tours.

5.10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.11.1. Bejgħ ta' prodotti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent (A/6/3/2/Vol 80)

5.11.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 11 ta' Marzu 2019 mibgħut The ECO Malta Team li ta' kull xahar ikunu f'postijiet differenti madwar Malta u Għawdex, b'numru ta' bejjiegħa bi prodotti differenti. Dawn jinkludi ikel organiku frisk, ikel naturali u *snacks*, moda etika, ġugarelli u affarijiet tad-dar, prodotti għall-kura personali naturali u mhux tossiċi. Jippromwovu wkoll l-arti u snajja, teknoloġiji innovattivi, fost oħrajn. Dawn talbu lill-Kunsill jindika post fejn jistgħu jtellgħu din it-tip ta' attività.

'

5.11.3. Il-Kunsill kien tal-fehma l-aktar postijiet idejali huma Għajn Tuffieħa u f'Selmun. Fil-każ tal-ewwel ma jkunx meħtieġ li jinħareġ il-permess tal-Kunsill, kemm-il darba l-post ikun fl-area allokata lill-Malta Scout Association.

### 5.12.1. Ħarġiet kulturali (A/5/5/Vol VII)

5.12.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf li għall-ħarġa li saret fil-21 ta' Frar 2019, lejn l-Imdina attendew 38 persuna. Huwa ppropona li ssir oħra fis-16 ta' April 2019 lejn il-Mosta, fejn ser ikun hemm wirja tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira fix-xelter tat-Tieni Gwerra Dinjija biswit il-Knisja Parrokkjali.

5.12.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppproponiet li ssir ħarġa oħra lejn Villa Bologna, f'Ħat-Attard fis-16 ta' Mejju 2019 li tkun abbinata ma' Jum l-Omm.

5.12.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

### 5.13.1. Proġett – *KNOTS - Knowledge, Not Scepticism* (P/10/1/Vol IV)

5.13.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-konferenza li seħħet f'Ivancna Gorica (Slovenja), bejn l-14 u t-18 ta' Marzu 2019 u li attenda għaliha wkoll il-Kunsillier H. Fenech. Huwa kompla jgħid li ppareċipaw fiha għaxar minn sittax 'il imsieħba fil-proġett. It-tema tal-konferenza kienet l-emigranti u l-imigrazzjoni. Huwa qal li ġiet diskussa l-possibiltà li l-konferenza li jmiss issir fil-Mellieħa f'data li ma tkunx qrib l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali.

5.13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.14.1. Għarfien ta' l-awtiżmu (K/11)

5.14.2. Il-Kunsillier J. Attard aċċenna għall-kampanja li qed tagħmel l-Inspire biex ikun hemm aktar għarfien tal-kundizzjoni msemmija hawn fuq. Ix-xahar ta' April 2019 ġie proprju dedikat għal dan il-għan. Huwa ppropona wkoll li tinxtegħel l-faċċata tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill bil-kulur ikħal, li ġie addottat għal din il-kampanja, kif ukoll li l-impjegati tal-Kunsill jilbsu r-*ribbon* li saret apposta sabiex il-Kunsill ikun ta' kontribut sabiex issir manutenzjoni fuq il-faċilità tat-*Therapeutic Horseback Riding (THR)* li l-Inspire għandhom f'Marsascala.

5.14.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 5.15.1. Manutenzjoni tat-tagħmir fl-*open air gym* tal-Park tal-Familja (P/4/6/Vol V)

5.15.2. Il-Kunsillier J. Attard ġibed l-attenzjoni għat-tagħmir imsemmi u talab li ssir spezzjoni tiegħu bil-għan li jiġi stabbilit it-tip ta' manutenzjoni li jeħtieġ.

5.15.3. Is-Segretarju ħa nota sabiex issir l-ispezzjoni mitluba.

5.15.4. Il-Viċi Sindku D. Vella qal li saritlu proposta sabiex il-Kunsill jintroduċi *calisthenics gym equipment* fil-Park tal-Familja, li wieħed jista' jixxabbat miegħu.

5.15.5. Ittieħdet nota tal-proposta.

### 5.16.1. *Book Box* fi Ġnien tas-Salib (L/4/Vol II)

5.16.2. Il-Viċi Sindku D. Vella ppropona li tiġi ntrodotta *book box* fil-ġnien imsemmi.

5.16.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta.

**6.1. Restawr ta' ħitan tas-sejjieħ permezz tal-Miżuri 4.4 u 4 taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali; (P/10/27)(P/10/15)( P/10/5)**

6.2. Saret referenza għas-sejħa għall-offerti MLC 1/2019 li tinvolvi restawr ta' ħajt ta' sejjieħ li jinsab fit-Telgħa ta' Selmun, kantuniera mat-triq il-qadima ta' Selmun. Is-Segretarju għarraf li din is-sejħa għalqet fl-14 ta' Marzu 2019, iżda ma kien hemm ebda offerta. Huwa ppropona li terġa ssir sejħa oħra sabiex ma jintilfux il-fondi.

6.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

6.4. Is-Segretarju għarraf ukoll li nħarġet sejħa oħra għal finanzjament taħt il-Miżura 4.4 u għaldaqstant ser issir laqgħa fil-5 ta' April 2019 ma' uffiċjali mill-MEUSAC bil-għan li tiġi sottomessa talba għall-finanzjament ta' parti oħra mill-ħitan tas-sejjieħ fit-Telgħa ta' Selmun, ossija dik il-parti bejn il-triq l-qadima ta' Selmun, l'isfel mill-pompa tad-drenaġġ sal-*S-bend.*

6.5. Il-Kunsill approva din il-proposta wkoll.

6.6. Saret referenza wkoll għall-imejl datat 12 ta' Marzu 2019 mibgħut mill-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral, fejn il-Kunsill ġie mistieden għat-tnedija tal-Miżura 4 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) li ser ikun orjentat lejn *Green Infrastructure*. Is-seminar ser isir fil-21 ta' Marzu 2019.

6.7. Il-Kunsill innota l-appuntament.

**7.1. Restawr tal-Batterija ta Westreme u titjib fil-Mużew tat-Tunnara (P/10/30)**

7.2. Is-Segretarju għarraf li mill-evalwazzjoni tat-tieni sejħa għall-offerti li tinvolvi r-restawr tal-batterija minn barra (MLC 11/2018), irriżulta li kien hemm tnejn minnhom li kienu konformi mar-rekwiżiti kollha stabbiliti mid-dokumenti tal-offerta, pero' it-tnejn kienu ferm 'il fuq mill-baġit ta' €225,000 allokat mill-*Planning and Priorities Co-ordination Division (PPCD).* Irriżulta li dan kien ġej mill-fatt li l-istima sottomessa mal-formola tal-applikazzjoni għall-fondi kellha inqas xogħlijiet inklużi fiha meta mqabbla mal-*bill of quantities* li fuqu ġew sottomessi l-offerti. Is-Sur C. Debono kompla jispjega li l-*PPCD* ma humiex lesti li japprovaw ebda tnaqqis mill-*items* inklużi fil-*BOQ* sabiex il-valur tax-xogħol li fil-fatt isir ikun eqreb lejn l-estimi. Irriżulta wkoll li l-*BOQ* kien jinkludi xogħlijiet u tagħmir li fil-fatt ma humiex koperti fil-permess maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar.

7.3. Is-Sindku qal li f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa propost li ssir sejħa ġdid taħt *BOQ* rivedut.

7.4. Il-Kunsill approva l-proposta.

**8.1. Servizz dwar ġbir ta' skart domestiku (K/6/2/Vol V)**

8.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 7.1. tas-seduta preċedenti u stqarr illi l-kuntrattur responsabbli mhux obbligat bil-kuntratt li jagħmel ġabriet ta' skart differenti fl-istess ħin tal-borża s-sewda u dik bajda, nhar ta' Tnejn. Spjega li meta l-kuntrattur ġie mitlub sabiex jirrendi ż-żewġ servizzi fl-istess ħin, dan qal li mhux f'pożizzjoni li jagħmel hekk, peress li meta tefgħa l-offerta tiegħu kien ippjana li juża r-riżorsi tiegħu b'tali mod li joħroġ bil-prezz li huwa kkwota. Kemm-il darba l-Kunsill jibqa' jinsisti fuq it-talba tiegħu, huwa ser jidħol f'aktar spejjeż biex isib ir-riżorsi meħtieġa li jippermettulu jiffunzjona f'inqas ħin. Ir-rata addizzjonali li qed jitlob il-kuntrattur hija ta' €60, kull darba mingħajr il-VAT u l-*contract management fee,*.

8.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li l-borża l-bajda qed iddum ħafna ma' tinġabar, filwaqt li qed isir tġeddis ta' skart f'diversi postijiet. Kompla jgħid li din is-sitwazzjoni ser tiggrava matul ix-xhur tas-sajf.

8.4. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti, il-Kunsill approva varjazzjoni fil-kuntatt b'effett mill-1 ta' April 2019, liema varjazzjoni tinvolvi nefqa annwali ta' €60 x 52 ġimgħa = €3,681.60 (bil-VAT inkluża).

'

**9.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

9.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 18 ta' Marzu 2019.

9.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

9.5. Tressqet Skeda ta' Pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* bejn l-10 ta' Jannar u l-15 ta' Marzu 2019.

9.6. Tressqet ukoll b'mod separat skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-27 ta' Jannar u l-15 ta' Marzu 2019.

9.7. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fl-iskedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fid-9.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 8 ta' April fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**